**Nippassiġġja ...**

Issa li l-lejl daħal sewwa
Ħriġt minn kamarti,
Inżebbeġ
bil-kuruna,
Imdendla.
M'idi fil-kuritur
Kollu ħemda
Bl-arloġġ idur.

Imma xi stajt nagħmel?
Għajr nassisti,
Fis-skiet tas-satra
B'qalbi tittama.
Mhijiex le ħolma
Imniżżla fuq il-karti
M'hijiex l-impressjoni
Ta' xi illużjoni.

Kollu daħk fil-wiċċ
Ta' min irid jogħla,
Għax jaħseb li b'hekk
Se jagħti glorja 'l Alla.
Imma le,
Fis-skiet u l-moħba,
Alla jitħaddet
Hemm jara s-sogħba.

U hemm tikber ir-ruħ
Fis-skiet tat-tbatija,
Li tgħaddi mill-forn
Tal-kiefra monotonija.
Biex fl-aħħar tasal
Għat-trijon tas-sema
Kollha ferriħija
Għax bih tkun mimlija.

Ir-rebħa isseħħ
Waqt li qed nagħti l-pass,
Li qatt mhu moħli
Għall-grazzja tiegħu
Kollha ħniena.
Nikkontempla
Nitfarraġ,
Nissaħħaħ minnu,
L-imħabba ta' dejjem
Li ma tinbidilx.
Miegħu nimmaniġġja

Waqt li qed nippassiġġja ...

Patri Mario Attard OFM Cap
18 ta' Frar 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.